**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/23**
**Data:** It-Tnejn, 26 ta' Ġunju 20223
**Ħin:** 6:10pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier (Skużata)
Sean Chircop - Kunsillier (Mis-7:00pm)
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**07.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**07.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**07.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**07.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**07.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**07.06** **Festa;**
**07.07** ***Xogħlijiet;***
**07.08** **Tenders;**
**07.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**07.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**07.11** **Mozzjonijiet; u**
**07.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**07. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta tlett imejls ta' apoloġija ta' Abela, Camilleri u Caruana | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 06/23 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il- korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**07. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2 3 | 06.02.07 | Viċi-Sindku: Twinning ma' Oborniki | Il-Viċi-Sindku għaddiet rimarka li bħala kunsilliera ma saritx stedina minn naħa tal-Kunsill. | |
| 07. 2 4 | 06.03.08 | Viċi-Sindku: Bust tas-Sur Attard | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex wasal dan il-proċess u fejn il-Kunsill ser jgħin. Is-Segretarju wieġeb li l-kunsill ser ikun qed jgħin fix-xogħol infrastruturali li hemm bżonn isir. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2 | 5 | 06.02.06 | Fenech: *Book Sale* | Fenech qalet li s-sezzjoni ta' zumba ma saritxperess li ma kinx hemm rispons. | Fenech |
| 07. | 2 | 6 | 06.02.07 | Fenech: Twinning ma' Oborniki | Fenech qalet li dawn huma nteressati li jsir ftehim ta' ħbiberija. Ser jibagħtulna iktar dettalji. L-Onor Ray Abela għamel kuntatt magħhom u għalhekk kien preżenti.Il-Ministeru tal-Kultura għadda proposta ta' ġemellaġ mal-Ambaxxata Palestinjana. F'Bir Żejt joqgħdu madwar 10,000 ruħ. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | |
| 07. | 2 | 7 | 06.03.06 | Fenech: *Bus Shelters* | Fenech qalet li għandna ħafna ħġieġ imkisser. Ser inkomplu bil-proċess ma' Faces. Għandhom bżonn ħasla tajba wkoll. | |
| 07. | 2 | 8 | 06.03.04 | Caruana Ray: Xogħolijiet fit-toroq | Caruana qal li hemm karozzi abbandunati fi Triq Mons. Cachia Abela. Ser inkellmu lil TM dwar dan. | |
| 07. | 2 | 9 | 06.03.05 | Caruana Ray: Misraħ Santa Marija | Caruana staqsa dwar il-parkeġġ f'din il-pjazza. | |
| 07. | 2 | 10 | 06.03.07 | Caruana Ray: *Traffic Management* fi triq id-Dwiemes | Caruana qal li għandna nitolbu lil TM tirrevedi l-pjan. Kien hemm diskussjoni dwar dan. | |
| 07. | 2 | 11 | 06.03.01 | Sindku: Proġett tal-*Slow Streets* | Is-Sindku qalet li iltaqgħet mal-perit. Bagħtilna d-disinni bil-proposti, dawwarna l-pjanti proposti bis-sinjali u kien hemm qbil dwarhom. | |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/23. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | | Sindku: Tours | L-Għaqda Minus1 talbu sabiex jibdew isiru tours madwar iż-Żejtun. Hemm il-ħsieb li minn naħa tal-Kunsill jorganizza dawn it-tours bi sħab ma' din l-Għaqda. | |
| 07 | 3 | 2 | | Sindku: Xogħol fuq toroq | Is-Sindku qalet li Infrastruttura Malta qablet li l-Kunsill jibda xogħol fuq toroqli huma pjanati li jsiru bil-*printed concrete.* Għal dan ix-xogħol li ser isir mill-kuntrattur tagħna ser tħallas I.M. Dawn huma Triq Sant'Anġlu, Triq Xandru Pulis Montebello u Triq Santa Ċeċilja. | |
| 07 | 3 | 3 | | Sindku: Vannijiet elettriċi | Is-Sindku qalet li ser ikollna laqgħa fl-14 ta' Lulju mas-supplier. Il-kirja tal-garaxx fi Triq Santa Katarina bdiet u mexjien tajjeb ħafna. | |
| 07 | 3 | 4 | | Sindku: Żvilupp | Is-Sindku qalet li daħlet applikazzjoni ta' żvilupp f'Wied iż-żrinġ. Wara diskussjoni kien hemm qbil li noġġezzjonaw. | |
| 07 | 3 | 5 | | Sindku: festa | Is-Sindku issuġeriet li għandha tibda ssir laqgħa mal-għaqdiet relatati mal-festa għal ħabta ta' April. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 6 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejt | Il-Viċi-Sindku qalet li bdew il-preparamenti għal festa ta' Żejt iż-Żejtun 2023. | |
| 07 | 3 | 7 | Viċi-Sindku: *Zebra Crossing* | Il-Viċi-Sindku qalet li għandha ssir talba sabiex issir *zebra crossing* in-naħa tal-Miracles. | |
| 07 | 3 | 8 | Fenech: Proġetti | Fenech qalet li ġiet avviċinata mill-Ambaxxatur tal-Iżlanda sabiex jibdew isiru proġetti tal-Ewropa flimkien. | |

**07. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 4 | 1 | Baldacchino: *Sleeping police* | Baldacchino staqsa dwar sleeping police fi Triq Ħal Tarxien. | |
| 07. | 4 | 2 | Caruana Ray: Linji tal-parkeġġi | Caruana staqsa dwar meta ser isiru l-linji tal-parkeġġi fejn joqgħod hu. Staqsew dwar sleeping police li tħalliet fi Triq Luqa Briffa. Is-Sindku qalet li tħalliet sakemm twaħlet il-ġdida u sar ix-xogħol sabiex titneħħa l-antika tat-tarmak. Chircop qal li għandha ssir waħda fi Triq Toni Zahra kantuniera ma' Triq Dun Pawl Brunchell. | |
| 07. | 4 | 3 | Chircop: Linji fi Triq Dun Ġwann Farrugia | Chircop qal li dawn iridu jsiru malajr kemm jista' jkun. | |
| 07. | 4 | 4 | Chircop: Triq Joe Attard | Chircop ssuġerixxa li din għandha tiġi One-Way. Ser tiġi diskussa. | |
| 07. | 4 | 5 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li kulħadd aċċetta n-nomina apparti s-Sur Frans Zahra u s-Sur Manuel Zammit. | Chircop |

**07. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 5 | 1 | Chircop: Restawr fuq il-Kapella ta' San Klement | Chircop qal li dan ir-restawr beda u miexi b'ritmu tajjeb mid-Dipartiment tar-Restawr. | |

**07. 6. Festa;**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 6. | 1 | Sindku | Kien hemm diskussjoni dwar min rama bil-ġugarelli u kien hemm rimarka li dawn ma mxewx mal-permess u ma ċċaqalqux waqt il-purċissjoni. Minħabba dan ser jinżammu d-depożiti li tħallsu. Kien hemm ukoll rimarka li tal-ġelat rama fuq iz-zuntier mingħajr permess. | |
| 07. | 6. | 2 | Caruana Ray: Skart | Caruana qal li l-koordinament tal-iskart għandu jsir aħjar. | |

| | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. 6. 3 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellna festa sabiħa ħafna b'attendenza kbira. Irringrazzjat lil kulħadd b'mod partikolari għadiet volontarji. Qalet li s-Soċjeta' Mużikali Beland irregalaw sett kotba lill-Kunsill waqt il-programm mużikali speċifikament għal tfal li jbagħtu mid-*dyslexia* . | |

**07. 7.** ***Xogħlijiet;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li wara l-ftehim li sar ma' IM daqt jibda x-xogħol ta' pavimentar f'Misraħ Santa Marija. Saret applikazzjoni mal-P.A. dwar l-upgrading ta' Ġnien Brejġu u ser jinħareġ it-tender għall-bandli. Il-pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten qiegħed fil-fażi tat-tender. Misraħ Ħal Tmin ukoll hemm applikazzjoni u hemm xi affarijiet pendenti mal-ERA dwar il-proġett tal-Bellus. | |

**07. 8.** **Tenders;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 8. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħalissa qegħdin jitħejjew żewġ tenders għal Ġnien Brejġu u bdil fit-tagħmi fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Qal li t-tender tal-bellus qiegħed fil-proċess ukoll. | |

**07. 9.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 9. 1 | | | Ma kinx hemm attivitajiet imsemmija f'din is-seduta. | |

**07. 10.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 10. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 10. 3 | | *Petty Cash* - Lulju 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €147.10 | Segretarju Eżekuttiv |

**07 11** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 11 1 | | | Ma kinx hemm | |

**07 12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 7 t'Awwissu 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |